

jista' jestraddixxi lil din il-persuna mingħajr ma jkun marbut li jistenna li l-Istat Membru li tiegħu għandha n-nazzjonalità jirrinunzja, b'deċiżjoni formali, għall-ħruġ ta' tali mandat ta' arrest, fir-rigward tal-inqas tal-istess fatti previsti fit-talba għal estradizzjoni, meta dan l-Istat Membru tal-aħħar jastjeni milli jipproċedi b'tali ħruġ f'terminu raġonevoli lilu mogħti għal dan l-għan mill-Istat Membru rikjest, fid-dawl ta' ċirkustanzi kollha tal-kawża.

- 3) L-Artikoli 18 u 21 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-Istat Membru adit, minn Stat terz, b'talba għall-estradizzjoni għall-finijiet ta' proċeduri kriminali ta' ċittadin tal-Unjoni, ċittadin ta' Stat Membru ieħor, ma huwiex obligat li jirrifjuta l-estradizzjoni u li jeżerċita huwa stess il-proċeduri kriminali meta d-dritt nazzjonali jippermettilu jagħmel dan.

(¹) ĠU C 288, 26.8.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tas-17 ta' Diċembru 2020 – Ir-Repubblika Franċiża vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-404/19 P) (¹)

(Appell – Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) – Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2014 – Infiq eskluż mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea – Infiq magħmul mir-Repubblika Franċiża – Korrezzjoni b'rata fissa ta' 100 % – Proporzjonalità – Linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kalkolu tal-korrezzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tal-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità u tal-clearance tal-kontijiet)

(2021/C 53/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: A.-L. Desjonquères, C. Mosser u D. Colas, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: X. Lewis, A. Sauka u J. Aquilina, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Marzu 2019, Franza vs Il-Kummissjoni (T-26/18, mhux ippubblikata, EU:T:2019:153), hija annullata sa fejn, minn naħa, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-azzjoni tar-Repubblika Franċiża dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2014 tat-8 ta' Novembru 2017 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq li għarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (l-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (l-FAEŻR) sa fejn, taħt il-motiv intitolat "Sistema ta' kontroll deficijenti b'mod gravi, Corse", hija imponiet fuq dan l-Istat Membru korrezzjonijiet b'rata fissa ta' 100 % applikati għal għajjnuna diretta għas-superfiċji f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014, minħabba deficijenzi fis-sistema ta' kontroll għall-għajjnuna għas-superfiċji f'Haute-Corse, u, min-naħa l-oħra, li ddeċidiet fuq l-ispejjeż.
- 2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2017/2014 hija annullata sa fejn, taħt il-motiv intitolat "Sistema ta' kontroll deficijenti b'mod gravi", timponi fuq ir-Repubblika Franċiża korrezzjonijiet b'rata fissa ta' 100 % applikati għall-għajjnuna diretta skont is-superfiċji mogħtija f'Haute-Corse għas-snin tat-talba 2013 u 2014, minħabba deficijenzi fis-sistema ta' kontroll għall-għajjnuna skont is-superfiċji f'Haute-Corse.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha relatati mal-proċeduri tal-appell u kwart ta' dawk li hija sostniet fl-ewwel istanza, dawk sostnuti mir-Repubblika Franċiża relatati mal-proċeduri ta' appell u kwart tal-ispejjeż sostnuti minn dan l-Istat Membru fl-ewwel istanza.

- 4) Ir-Repubblika Franċiża għandha tbat, minbarra tliet kwarti tal-ispejjeż tagħha marbuta mal-proċeduri fl-ewwel istanza, tliet kwarti tal-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni fl-istess proċeduri.

(¹) ĠU C 238, 15.7.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-17 ta' Diċembru 2020 – Inpost Paczkomaty sp. z o.o. (C-431/19 P), Inpost S.A (C-432/19 P) vs Il-Kummissjoni Ewropea, Ir-Repubblika tal-Polonja

(Kawżi magħquda C-431/19 P u C-432/19 P) (¹)

(Appell – Għajjnuna mill-Istat – Artikolu 106(2) TFUE – Servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SIEĠ) – Klassifikazzjoni tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' kumpens għal servizz pubbliku – Settur postali – Direttiva 97/67/KE – Artikolu 7 – Kumpens għall-ispiża netta li tirriżulta mill-obbligi ta' servizz universali – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna kompatibbli mas-suq intern)

(2021/C 53/12)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Appellant: Inpost Paczkomaty sp. z o.o. (rappreżentant: D. Doktor, radca prawny), M. Doktor, radca prawny (C-431/19 P), Inpost S.A. (rappreżentant W. Knopkiewicz, radca prawny) (C-432/19 P)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Recchia, K. Blanck u K. Herrmann, aġenti), Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentant: B. Majczyna, aġent)

Dispożittiv

- 1) L-appelli huma miċħudin.
- 2) Inpost Paczkomaty sp. z o.o. u Inpost S.A. huma kkundannati għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 328, 30.9.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-17 ta' Diċembru 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Baden-Württemberg – il-Ġermanja) – WEG Tevesstraße vs Finanzamt Villingen-Schwenningen

(Kawża C-449/19) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Tassazzjoni – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjoni favur il-kiri ta' proprjetà immobbli – Leġiżlazzjoni nazzjonali li teżenta mill-VAT il-kunsinna ta' sħana minn assoċjazzjoni tas-sidien tal-proprjetà lis-sidien li jagħmlu parti minn din l-assoċjazzjoni)

(2021/C 53/13)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Baden-Württemberg